MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 336/2004

**Maltacom p.l.c. – C22334**

**vs**

**Gordon Debono – ID 234574M**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, tmien mija u tlieta u sittin lira Maltin u ghaxar cemtezmi (Lm2,863.10) rapprezentanti ammont ta' numri telefonici 495321, 495326, 495328, 495344, 495388, 495392, 495407, 495443, 495462, 495463, 495480 u 495489 (skond kif jirrizulta mill-anness 'statement' Dok A, Dok B, Dok C, Dok D, Dok E, Dok F, Dok G, Dok H, Dok I, Dok J, Dok K u Dok L) liema servizz gie nstallat fil-fond 'Time Publications' Time House, Triq il-Quccija, Birkirkara (CN1035238 A/C10168528) u dana kif jirrizulta mill-kopja ta' l-applikazzjoni annessa u mmarkata Dok M.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezentata ta’ l-avviz ghas-smiegh u ta’ l-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-5 ta’ Ottubru, 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------